KAWŻA
TAL-BEATIFIKAZZJONI

# P. Avertan Fenech, O.Carm.

minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.

Matul ix-xhur li għaddew fil-knisja tal-Karmnu tal-Imdina kellna bosta żjarat individwali u fi gruppi fuq il-qabar tal-Qaddej ta' Alla u fiċ-ċella tiegħu flimkien ma' inizjattivi oħra. Insemmu hawnhekk dawk ewlenin.

• Għall-festi tal-Madonna tal-Karmnu ta' din is-sena, stampajna santi bix-xbihat tal-Madonna tal-Karmnu tal-knejjes li fihom tiġi ċċelebrata l-festa. Is-Santi kellhom ritratt ta' P. Avertan u t-talba lill-Qalb Immakulata ta' Marija miktuba minnu.
• 27 ta' Ġunju 2017: Ġie organizzat pellegrinaġġ Marjan miż-Żurrieq bi żjara fuq il-Qabar u ċ-Ċella tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech. Il-pellegrinaġġ kien jinkludi Rużarju u Quddiesa.
• 30 ta' Ġunju 2017: Il-Parroċċa tal-Fgura bi tħejjija għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu organizzat Adorazzjoni Ewkaristika bil-qari tal-meditazzjonijiet mill-kitbiet tal-Qaddej ta' Alla.
• 5 ta' Lulju 2017: Il-Parroċċa ta' Santa Venera organizzat pellegrinaġġ għall-abbatini fuq il-qabar u ċ-ċella ta' P. Avertan.
• 8 ta' Lulju 2017: Dehret fuq in-Nazzjon reċensjoni minn Joe Cassar fuq it-tieni edizzjoni tal-Bijografija tal-Qaddej ta' Alla *"Moħbi flimkien ma' Kristu f'Alla"*.
• 14 ta' Awwissu 2017: Fost il-ħafna talb li n-nies iħallu mal-qabar ta' P. Avertan, kellna żjara partikolari minn koppja miżżewġin friski, li ġew l-għada taż-żwieġ tagħhom iqiegħdu l-fjuri fuq il-qabar tal-Qaddej ta' Alla.
• 20 ta' Awwissu 2017: Pellegrin Malti f'Lourdes bagħtilna ritratti tas-santi tal-Qaddej ta' Alla mxerrda fis-Santwarju Marjan ta' Lourdes f'bosta ilsna f'kappelel u knejjes tal-inħawi. L-aħbar tal-ftuħ tal-Kawża xterdet ġmielha hekk li sibna artikli miktuba bit-Taljan, bl-Ispanjol u bil-Franċiż.
• 29 ta' Settembru 2017: Ġie organizzat pellegrinaġġ miż-Żurrieq u Ħal Safi għall-qabar u ċ-ċella ta' P. Avertan. Wara l-quddiesa l-grupp talab fuq il-qabar u żar iċ-ċella u l-kunvent.

## Għeluq tal-Inkjesta

Permezz ta' ċirkulari maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta fit-12 ta' Ottubru, 2017, Mons. Joseph Galea Curmi, Vigarju Ġenerali, u Mons. Lawrence Gatt, Kanċellier, ħabbru l-Għeluq tal-Inkjesta Djoċesana għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech, Karmelitan. Iċ-ċirkulari mibgħuta lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' Knejjes u Superjuri Reliġjużi biex tinqara fil-knejjes tagħhom, tgħid hekk ...

### Għeluq tal-Inkjesta Djoċesana għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech, Karmelitan

"Faħħru lill-Mulej għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu" (S 118,2). B'dawn is-sentimenti f'qalbna ta' ferħ spiritwali u radd ta' ħajr lil Alla, inħabbru li bil-għajnuna ta' Alla waslet fi tmiemha l-Inkjesta Djoċesana dwar il-ħajja tal-virtù, il-fama tal-qdusija fil-ħajja u wara l-mewt tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech, Karmelitan, flimkien mal-inkjesta dwar il-fama tal-għeġubijiet maqlugħa minn Alla bl-interċessjoni ta' dan il-Qaddej ta' Alla.

Għaldaqstant, wara li t-Tribunal imwaqqaf minn Mons. Arċisqof nhar it-2 ta' Frar, 2017, għarbel lil dawk miġjuba b'xhieda quddiemu u lil bosta oħrajn li resqu minn rajhom, wara li l-membri tal-Kummissjoni Storika għal din l-Inkjesta ġabru d-dokumentazzjoni dwar dan il-każ, u wara

l-parir pożittiv mogħti mit-teoloġi magħżula biex jgħarblu l-kitbiet tal-Qaddej ta' Alla, l-għeluq tal-Inkjesta Djoċesana dwar il-ħajja qaddisa, il-fama tal-qdusija u l-għeġubijiet, tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech, Karmelitan, se jiġi ċċelebrat nhar l-1 ta' Novembru, 2017, Solennità tal-Qaddisin Kollha u l-jum li fih huwa għadda għall-ħajja ta' dejjem.

Iċ-ċelebrazzjoni se ssir fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, bir-Rit Kanoniku tal-Għeluq tal-Inkjesta Djoċesana fil-5.00pm u wara ssir il-Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr lil Alla għall-għeluq ta' din l-Inkjesta fil-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech.

Għaldaqstant inħeġġu lill-Poplu ta' Alla biex iħejji ruħu spiritwalment għal din il-ġrajja ta' grazzja fl-Arċidjoċesi ta' Malta, u li dakinhar tal-1 ta' Novembru ningħaqdu lkoll flimkien fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, għaċ-ċelebrazzjoni tal-għeluq tal-Inkjesta Djoċesana f'din il-Kawża ta' Beatifikazzjoni biex infaħħru lil Alla u nroddulu ħajr talli huwa dejjem iqajjem fost il-poplu tiegħu eżempji u mudelli jiddu ta' ħajja Nisranija u evanġelika.



*Is-Santa ta' P. Avertan maqluba bil-Cantonese*

*Jaqbad minn paġna 13*

Imma jien sakemm jibqagħli ftit saħħa, dejjem insib x'nagħmel. Bħalissa għadni nqaddes kuljum u xi kultant inqarar ukoll fil-knisja tal-Balluta. Qed immur inqarar għand is-sorijiet u bħalissa jien Direttur Nazzjonali tal-*Legon of Mary* ta' Malta u Għawdex. Ħaġa waħda ngħid, l-għalqa tal-Mulej hija kbira u hemm ħafna x'tagħmel. Jien il-pastorali nħobbha ħafna u l-pjaċir tiegħi li nkun man-nies, speċjalment meta mmur inżur il-morda. Xi kultant immur inżur ukoll lil dawk is-saċerdoti li qegħdin fid-dar tal-Kleru *Christus Sacerdos*.

**P. Louis:** *X'inhuma d-delizzji tiegħek?*
**P. Leonardu:** Jien l-aktar li nħobb huwa li naqra xi ktieb, speċjalment fuq il-ħajja tal-Qaddisin Karmelitani. Inħossni nissaħħar meta naqra *"Il-Meditazzjoni ta' Kristu"* tal-Kempis. Dan il-ktieb, taqra kemm taqra minnu, dejjem issib xi ħaġa ġdida tgħodd għalik. Inħobb ukoll inżomm ruħi infurmat x'qed jiġri madwarna minn fuq il-gazzetti ta' kuljum.

**P. Louis:** *Għalik xi tfisser li tkun Nisrani fid-dinja tal-lum?*
**P. Leonardu:** Biex tgħix ta' Nisrani, mhux faċli, u fiż-żminijiet tal-lum aktar diffiċli. Il-materjaliżmu, il-konsumiżmu u l-paganiżmu kibru ħafna mad-dinja kollha. Malta hija parti mid-dinja u tteħidna mill-mard morali u spiritwali aħna wkoll. Fil-ħajja tal-lum, jekk tiddefendi r-reliġjon, malajr issib min jeħodha kontra tiegħek u jgħajruk li int fundamentalista, u dan kollu minħabba li int ixxandar l-Evanġelju. Issib oħrajn li meta jisimgħuk titkellem fuq in-novissmi jgħidulek kemm int negattiv. Allura, dawk li jgħixu ħajja tajba kif irid Alla, qed jiġu mwaqqgħa għaċ-ċajt u redikulati. Hemm bżonn li nitolbu ħafna għal Malta tagħna għax mhux biss qed ninbidlu imma ħafna Maltin qegħdin jitilfu l-fidi tagħhom. Nagħmlu kuraġġ u nittamaw fil-Mulej u f'Ommna Marija tal-Karmnu li qegħdin dejjem magħna biex jipproteġuna u jħarsuna minn kull inkwiet. Hemm bżonn li nkunu xhieda ta' dak li nemmnu.



https://fliphtml5.com/bookcase/exfz 2/2